MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1336/2010

**Gatt & Muscat Builders Limited**
**(C – 35864)**

**vs**

**Paul Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat is-27 ta' Dicembru, 2010, ikkonfermat bil-gurament minn Joseph Muscat li wara li espona s-segwenti:

1. Illi socjeta` rikorrenti kienet giet imqabbda mill-intimat biex taghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond "Hyena", Triq il-Ferrovija, H'Attard;
2. Illi x-xoghol u materjal involut fl-istess xoghol ta' kostruzzjoni nvolva lis-socjeta` rikorrenti fi spiza

komplessiva ta’ tmintax –il elf, mitejn u sebghin Ewro, u erbghin centezmu, (€18,270.40), kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promotur;

3. Illi nonostante li debitament interpellat biex ihallas l-ammont fuq indikat minnu dovut, l-imsemmi ntimat Chetcuti baqa’ inadempjenti;

Is-socjeta` rikorrenti talbet:

1. Illi l-intimat Chetcuti fuq indikat jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata s-somma ta’ tmintax –il elf, mitejn u sebghin Ewro u erbghin centezmu, (€18,270.40), kif fuq indikat, ghal xoghol u materjal minnha wzat fuq struzzjonijiet tal-istess intimat fil-fond de quo;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata d-29 ta’ Jannar, 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficcjali hawn imsemmija kontra l-intimat;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Chetcuti datata d-19 ta’ Jannar, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-gudizzju mhux integru stante li hu mizzewweg;

3. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili, Kap 16;
4. Illi di piu`, s-socjeta` rikorrenti wettqet hsarat lill-intimat waqt xoghol minnha kondott f’residenza biswit dik tieghu;

5. Illi x-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta` rikorrenti ma jiswewx l-ammont minnha mitlub;

6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess risposta tieghu;

Illi di piu`, l-istess intimat Chetcutiipprevalixxa ruhu minn din l-istess procedura u ntavola talbiet rikonvenzjonali li qed jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti ddannaggjat il-proprjeta`, kemm mobbli u immobbli tal-intimat;

2. Illi l-ammont li jista` jkun dovut lis-socjeta` rikorrenti mill-intimat ghandu jkun pacut bl-ammont ta' danni hekk ikkagunati lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi d-danni hekk kagunati mill-istess socjeta` rikorrenti lill-intimat huma ammontanti ghal dsatax –il elf, mija u erbgha u tmenin Ewro, (€19,184.00), jew somma ohra verjuri li tista' tigi stabbilita` permezz ta' periti nominandi;

4. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali u n-nota ndikati fl-istess talba rikonvenzjonata tal-intimat;

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimat datata s-7 ta' Frar, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegbet:

1. Illi t-talbiet hemm kontenuti huma preskritti ai termini ovvjament tal-artikolu, 2153 tal-Kodici Civili, Kap 16;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata mhix il-legittimu kontradittur;

3. Illi l-bicca l-kbira tal-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata mill-intimat hu ghal kostruzzjoni ta' kmamar fuq struzzjonijiet tal-intimat Chetcuti u mhux ghal xoghol ta' tiswija;

Illi di piu`, is-segwenti gie wkoll ikkonfermat bil-gurament mill-fuq imsemmi Joseph Muscat ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata:

1. Illi x-xoghol fuq is-sit kontigwu in dizamina kien ilu terminat ghal perjodu aktar minn sentejn mid-data tal-presentazzjoni tar-risposta tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata fuq indikata;

2. Illi la kienet is-sid u lanqas il-kuntrattur fil-binja kontigwa fejn sar l-allegat dannu u konsegwentement ma ghandhiex twiegeb ghall-ebda hsarat ikkagunati minn terzi;

3. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata kienet inkarigata mill-intimat rikonvenzjonanti biex tiddemolixxi u tikkonstruwixxi u mhux biex issewwi xi hsarat kif erroneament allegat;

4. Illi l-intimat rikonvenzjonanti rrifjuta jhallas l-ammont minnu dovut ghar-ragunijiet estranei ghall-vertenza odjerna;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata t-28 ta' Frar, 2012, li permezz taghha l-istess socjeta` rriduciet it-talba originali taghha ghal tmint'elef Ewro, (€8,000.00);

Ezaminat in-nota tal-intimat Chetcuti wkoll datata t-28 ta' Frar, 2012, li permezz taghha:

1. Ceda l-kontro-talba tieghu a bazi ta' ftehim pattwit;

2. Ammetta t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont kif minnha ridott u a bazi tal-kundizzjonijiet pattwiti u tal-modalita` tal-pagament kif sottoskritt fl-istess ftehim konkluz bejn l-istess partijiet kontendenti;

Ezaminat l-istess ftehim fuq indikat datat is-27 ta' Frar, 2012, ipprezentat flimkien man-nota tat-28 ta' Frar, 2012, fuq gia` ndikata;

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta’ dilungar inutili u dispendjuz, in vista tal-ammissjoni fuq indikata u tar-rinunzja tal-intimat rikonvenzjonanti din il-qorti takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;

Illi stante n-nota ta’ riduzzjoni fuq gia` riferita u tal-ftehim fuq indikat, tiddeciedi bil-mod segwenti:

1. Tikkundanna lill-intimat Paul Chetcuti biex ihallas biss l-ammont ta’ tmint’elef Ewro, (€8,000.00), lis-socjeta` rikorrenti Gatt & Muscat Builders Limited, kif pattwit;

2. Illi a bazi tal-ftehim pattwit bejn il-kontendenti, l-ispejjez processwali huma bla taxxa;

3. Illi finalment jigi assodat li galadarba jigu osservati l-kondizzjonijiet liberament pattwiti bejn l-istess kontendenti li fuqhom qed tistrieh din id-decizjoni, il-pagament tal-interessi mill-intimat qed jigi rexiss.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------